

## II

(Atti mhux legiżlatti)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 538/2013

tal-11 ta' Ġunju 2013

li jistabbilixxi miżuri tranżitorji għal ċerti liċenzji ta' importazzjoni u ta' esportazzjoni u ċertifikati ta' ffissar ta' rati minn qabel għall-kummerċ ta' prodotti agrikoli bejn l-Unjoni kif ikkostitwita fit-30 ta' Ġunju 2013 u l-Kroazja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat tal-Adeżjoni tal-Kroazja, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-Att tal-Adeżjoni tal-Kroazja, u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,

Billi:

- (1) Qabel l-1 ta' Lulju 2013, il-kummerċ f'ċerti prodotti agrikoli bejn l-Unjoni u l-Kroazja huwa sogggett għall-preżentazzjoni ta' liċenzja ta' importazzjoni jew ta' esportazzjoni. Mill-1 ta' Lulju 2013, dawn il-liċenzji ma jistgħux jibqgħu jintużaw għal dan il-kummerċ.
- (2) Ċerti liċenzji u ċertifikati ta' ffissar ta' rati minn qabel li se jkunu għadhom validi wara t-30 ta' Ġunju 2013 mhux se jkunu ntużaw jew se jkunu ntużaw biss parzjalment. L-obbligi li ddaħħlu fl-ambitu ta' dawn il-liċenzji u ċertifikati għandhom jiġu onorati, u f'nuqqas ta' dan il-garanzija mogħtija jintilfu. Peress li tali obbligi ma jistgħux jibqgħu jiġu onorati wara l-adeżjoni tal-Kroazja, jidher li huwa meħtieġ li jiġi stabbilit, b'effett mid-data ta' dik l-adeżjoni, miżura tranżitorja li ttipprovdi għar-rilaxx tal-garanzija mogħtija.
- (3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

Fuq talba mill-partijiet interessati, il-garanzija li ġew mogħtija għall-ħruġ ta' liċenzji ta' importazzjoni u ta' esportazzjoni u ta' ċertifikati ta' ffissar ta' rati minn qabel, għandhom jiġu rilaxxati, skont il-kundizzjonijiet li ġejjen:

- (a) il-pajjiż esportatur jew il-pajjiż riċevitur indikat fuq il-liċenzja jew fuq iċ-ċertifikati ta' ffissar minn qabel huwa l-Kroazja. Fejn l-indikazzjoni pajjiż esportatur jew pajjiż riċevitur mhiex obligatorja fuq il-liċenzja jew ċertifikat ta' ffissar ta' rati minn qabel, l-operatur għandu jagħti prova għas-sodisfazzjoni tal-awtorità kompetenti illi l-pajjiż esportatur jew il-pajjiż riċevitur huwa l-Kroazja;
- (b) il-validità tal-liċenzja jew ċertifikati ta' ffissar ta' rati minn qabel ma tiskadix qabel l-1 ta' Lulju 2013;
- (c) il-liċenzja jew iċ-ċertifikati tal-iffissar ta' rati minn qabel se jkunu ntużaw biss parzjalment jew xejn affattu sal-1 ta' Lulju 2013.

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ sughgett għat-Trattat tal-Adeżjoni tal-Kroazja u fid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Ġunju 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO